MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 969/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Denis Stellini sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Joseph Debono u Gordon Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu konsiderati li jhallsu lill-istess socjeta' attrici nomine s-somma ta' mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm286.47) rapprezentanti danni kagunati mill-

konvenuti, jew min minnhom, f'incident awtomobilistiku tad-29 ta' Dicembru 1998, gewwa T'Alla u Ommu, Naxxar, bejn il-vettura numru IBD 236 misjuqa mill-konvenut Joseph Debono u l-vettura numru CAQ 989 misjuqa mill-konvenut Gordon Borg u propjeta' ta' Joseph Borg u l-vettura CBF 314 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici Denis Stellini u propjeta' tal-istess Denis Stellini, liema incident gara unikament tort taghhom jew min minnhom, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta' ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali ta-26 ta' Jannar 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti mal-avviz u bl-imghax mid-data tal-ewwel ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenut Joseph Debono, wahdu, u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi in mertu, l-eccipjent ma kellu ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku imsemmi fic-citazzjoni, izda kien unikament minhabba n-negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess assikugurat tas-socjeta' attrici Denis Stellini, u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt l-andament tal-kawza, u ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-imsemmi incident awtomobilistiku u ghad-danni pretizi mis-socjeta attrici u d-domandi tas-socjeta' attrici ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2000 li minnha jidher li s-socjeta' attrici ppresentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut Gordon Borg kif ukoll dik tas-7 ta' Novembru 2000, minn fejn jidher li l-istess Gordon Borg ma kienx deher u lanqas ma ppresenta nota tal-eccezzjonijiet (ara fol 4, 6 u 7 tal-istess atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Denis Stellini (fol 13 u 14 tal-istess atti) spejga li hi kien assikurat mas-socjeta' attrici bhala 'comprehensive' u waqt li kien qed jsuq il-vettura tieghu bin-numru CBF 314 minn Naxxar, fit-telgha hekk imsejjha "Ta' Alla u Ommu", hu kien ra, quddiemu vann tat-tip "pick-up" li kien wieqaf sabiex jidhol f'triq li tmur fid-direzzjoni ta' Burmarrad. Wara l-istess "pick up" kien hemm karozza ohra tal-marka "Skoda" li kienet tiela. Hawnhekk ix-xhud qal testwalment 'Din l-Iskoda ppruvat tghaddi minn bejn il-karozza tieghi u dak il-"pick up li semmejt u habat kemm fuq in-naha tieghu u kemm fuq in-naha tal-"pick up". L-istess xhud indika, ukoll, li meta saret il-habta, hu kien "miexi ghad-dritt", "il-pick-up" kien wieqaf izda ftit angolat …." U li hu kien di gja oltrepassa l-istess "pick up" meta dan kien wieqaf. (ara ukoll ir-rapport u l-iskizz esebiti minn PS226 Paul Bonnano a fol 16 u 17 tal-istess atti)

Illi l-konvenut, Joseph Debono, meta xehed (fol 43 u 44 ibid), fis-sustanza, ikkonferma dak kollu li xehed ix-xhud precedenti waqt li pprecisa "… giet karozza ohra, laqtet lill-iehor li kien ghadu kemm ghaddieni …." u "….. l-vettura involuta l-ewwel laqtet lill-vettura l-ohra imbaghad dahlet go fiha" meta hu kien " kwazi dort ghal kollox biex nidhol fit-triq ta' Burmarrad "bl-indicator" di gja mixghul".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, anke jekk ma jigiex konsiderat ili l-konvenut Gordon Borg, li kien qed jsuq il-karozza tal-marka Skoda numru CAQ 989, qatt ma deher quddiem din il-Qorti sabiex jikkontesta t-talbiet attrici, anke wara li gie presentat kapitolu ghas-subizzjoni fil-konfront tieghu, jidher evidenti li l-istess Gordon Borg esegwixxa manuvra kif hemm fuq deskritta minghajr id-debita kawtela u attenzjoni, liema manuvra kienet manifestament negligenti. Bhala konsegwenza r-responsabilta ta' dan l-incident trid tigi akkollata, kollha kemm hi, lill-istess Gordon Borg.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-"quantum" ta' danni pretizi jinsab pruvat a basi tad-dokumenti esebiti fl-atti a fol 22 sa fol 32, liema "quantum" effettivament ma giex kontestat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta' Joseph Debono, tilqa l-istess talbiet attrici kif dedotti fil-konfront ta' Gordon Borg u:

1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in esami gara minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Gordon Borg.

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm286.47,0 u;

3. tikkundanna lill-istess konvenut, Gordon Borg, sabiex jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm286.47,0 bl-imghax legali mis-26 ta' Jannar 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10.50.0 ta' ittra u konsult kif ukoll dawk tal-ittri ufficjali tas-26 ta' Jannar 2000 u tal-25 ta' Lulju 2000, msemmija fl-istess avviz.

-------------------------------TMIEM-------------------------------